TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 77/16/F

**Mario Leonard Grech**

**Emanuel Deguara eżerċenti l-kummerċ bl-isem Deguara Ironmongery**

Illum 26 ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' April, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u tmienja u tmenin ewro (€188), rappreżentanti prezz ta' ħsarat li ġarrab fil-vann tiegħu wara li daħħal iċ-ċavetta li kienet għadha kif saritlu ġdida.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanżi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta li nkisritlu ċ-ċavetta tal-vann u meta mar jaqta' ċavetta oħra u eżatt kif beda jiprova ċ-ċavetta fil-vann tiegħu, beda jisma' ħoss stramb, u rriżulta li kellu l-ħsara fis-*safe starter* minħabba li ċ-ċavetta weħlet fil-post. Għalhekk huwa ħa l-vann għat-tiswija li swietlu mija, u tmienja u tmenin ewro (€188).

L-intimat issottometta li ċ-ċavetta kienet tajba u li dak li ġara ma kienx tort taċ-ċavetta.

It-Tribunal qed jaraha stramba wisq li eżatt kif ġiet maqtugħa ċavetta ġdida u daħħalha fl-*ignition*, eżatt propju dak il-ħin mar is-*safe starter*, illi kienet wisq koinċidenza li l-ħsara ma saritx minħabba li ċ-ċavetta ma kinitx tajba.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti baqa jsuq minkejja li sema' l-ħoss u jista' jkun li għamel xi konsegwenza għal ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u għoxrin ewro (€120), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888